BIRGU
Citta' Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

17 ta' Mejju, 2009

**Minuti tal-laqgha numru 28(05)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal laqgha numru 28(05) fl-ufficini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar it-Tlieta 5 ta' Mejju, 2009, fi 6.00 ta' filghaxija.

**Preżenti**

Is-Sur John Boxall - Sindku, is-Sinjura Miriam Grech – Kunsilliera, s-Sur Ivan Peresso - Kunsillier u s-Sinjura Judith Saliba - Kunsilliera.
Is-Sur Christopher Cassar – Vici Sindku nghaqqad ghal-laqgha fi 6:30 ta' filghaxija

Ippresieda s-Sindku, s-Sur John Boxall

**Talba**

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u ta bidu għal laqgħa.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**.

Is-Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex taqra l-minuti tal-laqgha 27(05).

Item 1.1 (27/05), Triq San Lawrenz fil-Birgu
Il-Kunsilliera Miriam Grech qalet li hi avvicinat lill-persuni li kienu nfurmawha li ser jaghmlu petizzjoni u nfurmahom dwar is-sitwazzjoni. Hawnhekk is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta lill-perit David Vassallo, l-perit responsabbli minn dan il-progett fi hdan l-Awtorita dwar it-trasport.

Dwar Item 1.2(27/05), Triq il-Kunvent

Is-Sindku, s-Sur John Boxall nforma lill-kunsilliera prezenti li ntbghat s-Sur Charles Muscat mill-Awtorita tat-trasport sabiex jara s-sitwazjoni u l-problema tar-residenti ta' Triq il-Kunvent. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill qieghed jistenna rispoata min-naha ta' l-Awtorita.

Item 1.3(27/05), Festival tal-Kottonera

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li ghalkemm il-Kunsill Lokali tal-Birgu ghadu ma rcevhiex risposta mill-Awtorita Maltija ghat-Turizmu, l-probabilta hija li dan il-festival ma jsirx.

Dwar item 1.9 (27/05), is-Sindku pprezenta ittra li hu ghan-nom tal-kunsill Lokali tal-Birgu kien bghat lis-Sur Mario Farrugia. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-kamra fejn illum hemm it-toilets, tintalab l-ghajnuna lill-Awtorita Maltija ghat-Turizmu sabiex isir upgrading tat-toilets, fejn anke jsir toilet pubbliku ghall-persuni b'dizabilita. Is-Sindku ssugerixxa sabiex ninfurmaw lil Mario Farrugia bid-decizjoi li ttiehdet sabiex isir public convenience adekwata. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Item 1.12 (27/05), Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta Memo 24/09 mahrug mid-dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-iskema ghall-accessibilita fil-Lokal. Hawnhekk is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japplika sabiex fil-Binja Amministrattiva tal-Kunsill jigi nstallat lift. F;dan ir-rigward is-Sindku qal li ghan-nom tal-Kunsill kien iddiskuta din il-possibilita mal-perit tal-Kunsill kif ukoll, talab parir lill-Kumpanija D& S Lifts, l-istess kumpanija li nstallat il-lift fil-Palazz Presidenzjali, il-Belt. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Barra minn hekk is-Sindku ssugerixxa sabiex d-donazzjoni ta' € 20,000 li ser jigu moghtijia mill-Kumpanija TK Associates jigu nvestiti sabiex jitrangaw l-ufficini Amministrattivi tal-kunsill fejn l-ufficju ta' l-iskrivani jsir fis-Sala. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar nghaqqad ghal-laqgha.

Dwar item 1.6 (27/05), is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li hu kien kellem lill-Arcipriet Fr. Joe Caruana dwar is-sitwazzjoni li nqalghet ghall-quddiesa ta' ringrazzjament fl-okkazzjoni tal- 50 sena anniversarju tal-Monsinjur Dun Guzepp Caruana. Is-Sindku qal lil-Arcipriet kien assigurah li ma kienx hemm l-ebda problema hlief li Dun Guzepp Caruana ma xtaqx li jigu mistiedna hafna nies.

Dwar item 2.14 (27/05), Mini Pitch fil-Birgu

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li hu ghan-nom tal-Kunsill kien kellem lill-Kap ta' l-Iskola Primarja Santu Rokku, s-Sinjura Spiteri dwar il-proponiment tal-Kunsill sabiex il-Mini Pitch offrut mill-MFA jigi nstallat fl-iskola Primarja. Barra minn hekk, is-Sindku zied jghid u pprezenta korrispondenza mibghuta lis-Sur Sandro Spiteri Principal tal-kullegg Santa Margherita fejn nfurmah bid-decizjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal li sd-Sur Sandro Spiteri nfurmah li ser jinforma lid-Direttur Generali s-Sinjura Michelina Sciberras dwar dan.

1.8 Is-Sur John Boxall, Sindku talab sabiex issir korrezzjoni fil-minuti tal-laqgha numru 22(05) fl-item 9 – Affarijiet Ohra, sabiex jigi kkoregut l-paragrafu kollu 9.2. Din it-talba giet issekondata mill-Kunsilliera Miriam Grech u approvata unanimament. Dan il-paragrafu ghandu jinbidel u jigi moqri hekk:

**" Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li ntbaghtet ittra mill-Kunsill Lokali ta' Bormla, lis-Segretarju Parlamentari Dr. Mario De Marco, li tahtu taqa' r-responsabbilta' ta' l-Awtorita tat-Turizmu, fejn talbu l-ghajnuna ta' l-Awtorita Tieghu ghall-attivita li ser tittella' minn dan il-Kunsill u stqarrew li l-Awtorita qeghda tghin lill-kunsill Lokali tal-Birgu biss, fost hafna kliem iehor. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex attivitajiet mtella' mill-Kunsill Lokali ta' Bormla, fuq bazi Lokali l-Kunsill Lokali tal-Birgu ma jattendiex. Dwar dan kien hemm qbil unanimu".**

## Korrispondenza

2.1 Wara t-talba li l-Kunsill ghamel lill-Kumpanija JCM Webs, l-kumpanija li tiehu hsieb l-website ta' l-istess Kunsill, sabiex jinbidel il-format tal-Website www.birgu.gov.mt , is-Sindku qal li l-proposti mibghuta kienu sabiex jiew jinbidel l-iskema tal-Kuluri biss ghal prezz ta' € 475 jew inkella l-website tinbidel kompletament ghal prezz ta' € 1100. Wara d-diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex tintghazel il-proposta fejn is-sit elettroniku tal-Kunsill tinbidel kompletament dan sabiex tergha tinghata hajja gdida lis-sit u dehra differenti. Il-Kunsilliera Miriam Grech issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu. Il-Kunsilliera Miriam Grech issugeriet sabiex il-Kunsillier Ivan Peresso jghin ukoll f'dan it-tibdil flimkien mas-Sindku minhabba l-kapacita Tieghu f'dan il-qasam.

2.2 Is-Sindku prezenta ittra mibghuta lid-Direttur tal-Gvern Lokali, Dr. Natalino Attard fejn talab il-permess sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu johrog sejha ghall-applikazzjoni ghal skrivan/a sabiex tkun impjegata mal-Kunsill.

2.3 Cirkulari mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-iskema ta' sahha ghall-haddiema Klerikali, Segratrja Ezekuttivi u Kunsilliera fil-Kunsill ghas-sena 2009 / 2010 ghall-hlas tal-premium ta' € 57 kull persuna. Dwar dan kien hemm qbil unanimu li din issir. Il-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar qal li huwa diga hu assigurat u ghal daqs tant ssugerixxa sabiex ma jigix inkluz f'din l-iskema.

2.4 Ittra minghand s-Segretarju ta' l-ghaqda Muzikali San Guzepp fejn talbu l-permess sabiex fl-okkazzjoni tal-festa ta' San Guzepp fil-Kalkara nhar it- 12 ta' Lulju, 2009, tinharaq kaxxa nfernali mill-post maghruf x Xewkija fid- 9, 11 u t-12 ta' Lulju, 2009. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba izda mportanti ferm li jigi stipulate li ma jintefa' xejn il-bahar, l-area tinzamm nadifa u li dain l-ghawda titlob il-permessi kollha mehtiega lill-Awtoritajiet kollha kkoncernati u jithallas il-permess mehtieg lill-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Is-Sindku pprezenta ittra minghand is-Sur Malcolm Scerri Ferrante, Manager tal-produzzjoni tal-Kumpanija " The Producer's Creative Patrnership Ltd" fejn talab il-permess sabiex nhar il-Hadd 17 ta' Mejju, 2009, jiffilmjaw fil-Lokalita' tal-Birgu. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex issir laqgha mas-Sur Scerri Ferrante u sabiex jekk hu possibli tinghata donazzjoni xierqa lill-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Ittra minghand is-Sur Anton Attard, ghan-nom tas-Socjeta Storika-Kulturali Vittoriosa fejn talab lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex issir tabella bl-ismijiet ta' dawk in-nies kollha li mietu fi tragedja tal-Polverista li sehhet fl-1806. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba u dak mitlub isir. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Is-Sindku pprezenta email mibghuta mis-Segretarju ta' l-Ghaqda Filarmonika Prince of Wales Own fejn innotifika lill-Kunsill li ghalkemm in-numru tal-laqghat tal-Kunsill kienu 27)05), il-minuti tal-Kunsill ippublikati fuq il-website kienu 24(05). Is-Sindku qal li s-Segretraju ta' din l-ghaqda gie nfurmat li r-raguni l-ghaliex il-minuti kienu ghadhom mhux ippublikati kien ghal fatt li l-minuti tal-laqgha 25(05) u tal-laqgha b'urgenza 26(05) riedu jsiru xi korrezzjonijiet u li dawn gew apprvati fil-laqgha 27(05). Is-Sindku zied jghid li issa fuq il-website hemm il-minuti sal-laqgha numru 26(05) u l-minuti tal-laqgha 27(05), gew approvati f'din il-laqgha tal-lum u ghal daqstant ma jistax ikun li l-minuti jkunu fuq il-website qabel approvati.

2.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu talab kwotazzjoni lill-Kumitat Festi Esterni San Duminku u l-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz sabiex bejn is-7 ta' Mejju, 2009, u l-11 ta' Mejju, 2009, fi Triq il-Gublew tal-Fidda quddiem Couvre Porte, jittellghu 7 arbli tal-hadid mhux itwal minn tlettin pied. Ghal din it-talba, s-Sindku qal li sad-data stipulate l-Kunsill kien ircieva kwotazzjoni wahda dik minghand l-Kumitat Festi Esterni San Duminku ghal prezz ta' € 13.50 Vat inkluz ghall-armar u zarmar ta' kull arblu, prezz totali ta' € 94.50. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova din il-kwotazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta diversi kwotazzjonijiet ghal kompjuter ghall-istaff Klerikali tal-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex tintghazel l-fferta minghand il-kumpanija Compeduc ghal prezz ta' € 600. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.10 Is-Sur John Boxall, Sindku prezenta ittra minghand s-Sur Kevin Drake, Direttur fi hdan l-Awtorita Maltija ghat-Turizmu, fejn nforma lill-Kunsill li l-Awtorita acetate it-talba taghna u ser toffri € 6000 bhala ghajnuna ghall-organizzazzjoni tal-festival Birgufest 2009 li ser issir bejn id- 9 u l-11 t'Ottubru, 2009. Hawnhekk is-Sindku rringrazzja lill-Awtorita Maltija Ghat-Turizmu u fakkar lill-Kunsilliera li matul dawn il-jiem ser jigi wkoll organizzat l-festival tal-progett Oralities. Wara diskussjoni, bi qbil unanimu, l-kunsilliera prezenti qablu sabiex din tkun f'idejn il-Vici Sindku, s-Sur Christopher

Cassar. Hawnhekk is-Sur John Boxall, Sindku stqarr li sabiex dan il-festival jkun success hemm bzonn hafna ghajnuna.

**3. Decizjoni dwar it-tender tad-devoluzzjoni tad-dawl fit-toroq**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, nforma lill-Kunsilliera li t-tender fi hdan il-kumitat kongunt tad-dawl tat-toroq li l-Kunsill Loklai tal-Birgu jaghmel parti minnu kien ghalaq. Is-Sindku zied jghid li ntefghet tender wahda biss dik tal-Kumpanija Nexos Street Lighting. Barra minn hekk, is-Sindku zied jghid li hu, li kien jokkupa l-KARIGA TA' President fi hdan dan il-Kumitat, talab sabiex ma jibqax huwa bhala President. F'dan il-waqt is-Sindku zied jghid li l-Kunsill irid jiddeciedi jekk hux ser jibqa' jaghmel parti minn dan il-Kumitat Kongunt, jew inkella hux ser imur ghal rasu. Wara diskussjoni, l-kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu sabiex qabel tittiehed decizjoni, ghandu jittiehed parir.

**4. Decizjoni dwar il-hrug ta' Tender tal-gbir ta' Skart**

Is-Sindku prezenta kopja ta' Memo 26/2009 mahruga mid-dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-hrug tal-Kuntratti l-godda tal-gbir ta' l-iskart Organiku, liema tender kien jinhareg Kongunt mal-Kunsilli Lokali ta' l-Isla u l-Kunsill Lokali tal-Kalkara. Biss, is-Sindku zied jghid li dawn iz-zewg Kunsilli nfurmaw lill-Kunsill li kienu ser johorgu din it-tender separata u mhux kongunta. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill johog it-tender ghal gbir ta' l-iskart. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**5. Decizjoni dwar il-hrug tat-tender ghall-knies u t-tindif tat-toroq**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li t-tender ghall-knies u t-tindif tat-toroq kien skada. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti unanimament qablu sabiex terga tinhareg sejha ghall-offerti.

**6. Decizjoni dwar it-tender ghas-servizzi ta' Avukat**

Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jitlob sabiex jinghata parir ulterjuri. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**7. Taghrif dwar il-progett tal-pavimentar fiz-zona tal-Collachio u toroq ohra**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera dwar il-progett tal-pavimentar taz-zona tal-Collachio u t-toroq ohra li ser isir mill-Gvern Centrali. Is-Sindku qal li d-Direttur Generali tad-Dipartiment tax-xoghlijiet Pubblici, l-perit Ray Farrugia sostna li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu jkun involut u mgharraf b'dak kollu li jkun ser isir fil-Lokalita' tieghu.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,

Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera

Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

## 8. Affarijiet Ohra

Is-Sur John Boxall, Sindku, issugerixxa sabiex fix-xahar ta' Gunju, issir laqgha ma'l-ghaqdiet, socjetajiet u l-hwienet tal-Birgu dwar l-organizazzjoni tal-BirguFest 2009. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti unanimament qablu sabiex tissejjah din il-laqgha u barra minn hekk dawk kollha prezenti jigu nfurmati li biex jarmaw fil-Pjazza jridu jhallsu..

Il-Kunsilliera Miriam Grech talbet sabiex fil-parti d-dejqa ta' triq San Filippu ssir tabella ta' "No Parking" peress li kontinwament qeghdin jipparkjaw l-karozzi u jostakolaw t-triq. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, pprezenta ghall-approvazjoni tal-Kunsill, ir-rapport amministrattiv u r-rapport finanzjarju sabiex iz-zewg rapporti jigu approvati, l-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu. Barra minhekk, is-Sindku ssugerixxa sabiex il-laqgha pubblika annwali ssir nhar it-Tlieta 2 ta' Gunju, 2009. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ppropona li din il-lista tigi approvata. Is-Sur Christopher Cassar Vici Sindku, ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fl-9:40 ta' filghaxija.

Christine Bonello
Segretarja Ezekuttiva

ikkonfermati John Boxall
Sindku